MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Digriet Kamerali tal-24 ta' Lulju 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 851/2019GM

Maurice Formosa (ID 434245M) u martu Maria Assunta Formosa (ID 72049M)

kif ukoll Furtunati Limited (C 37400)

vs

Joseph Camilleri (ID 742645M) u martu Marie Antoinette Camilleri (ID 216344M)

kif ukoll Aestorope Investments Limited (C 37919)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2019 mill-konjugi Formosa u Furtunati Limited (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenti"), li permezz tiegħu talbu il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-konjugi Camilleri u Aestorope Investments Limited (minn issa 'l quddiem imsejjħin "l-intimati") biex jinżammu milli jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratwitu "xi propjeta' u b'mod partikolari" il-proprjeta` ta' forma triangolari kif deskritta fl-istess rikors;

Rat id-digriet tagħha tal-istess data li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors proviżorjament, tat lill-intimati tmint ijiem għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-16 ta' Lulju 2019;

Rat illi l-intimati ġew notifikati fis-27 ta' Ġunju 2019;

Rat ir-risposta tal-intimati tat-3 ta' Lulju 2019;

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti għażlu li jitolbu l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, li il-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali);

Illi l-ġurisprudenza tagħna identifikat tliet elementi li għandhom jirriżultaw lill-Qorti sabiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:-

(1) l-intimat ikun qiegħed jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lir-rikorrent

(2) jkun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu d-dritt li jżomm lill-intimat li jagħmel dik il-ħaġa li biha jista' jagħmillu ħsara u

(3) l-mandat ikun neċessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent (Artiklu 873(1) (2) kodiċi ritwali).

Illi r-rikorrenti issodisfa t-tlett elementi suċċitati;

Illi l-intimati jeċepixxu li l-mandat qiegħed jintalab fuq l-art **<u>kollha</u>** tal-intimati u mhux biss fuq il-porzjon art triangolari mertu tal-kontestazzjoni fil-kawża Rik. Gur. 1032/13 LSO pendenti bejn il-partijiet. Dan ma jidhirx li hu l-każ; għalkemm ir-rikorrenti setgħu qajjmu ekwivoku permezz tal-kliem suċċitat "xi proprjeta` u b'mod partikolari";

Għal dawn il-motivi:

Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-27 ta' Gunju 2019 li permezz tiegħu laqgħet it-talba proviżorjament;

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors promutur tagħhom **<u>iżda tagħmilha ċara li dan qiegħdha tagħmlu limitatament</u>** għall-porzjon art li tinstab tas-Sliema ta' forma triangolari murija bl-ittri ABCD fuq il-pjanta annessa mal-istess rikors

(Dok X) liema art hija konfinanti mil-Lbic ma' proprjeta` tas-soċjeta` intimata, mix-Xlokk u mil-Lvant ma' proprjeta` tar-rikorrenti jew irjieħ verjuri tal-kejl superfiċjali ta' ċirka għaxar metri kwadri (10 m.k.) liema art hija retroposta għal Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Manwel Dimech.

Spejjeż a karigu tal-intimati.

Mogħti kameralment fl-24 ta' Lulju 2019.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA